MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 59/2006

**A B kif rapprezentata f'Malta**
**minn C u D konjugi E**
**vs**
**F B**

Il-Qorti,

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"Illi fl-1 ta' Marzu 2004 il-konvenut intavola citazzjoni bin-numru 60/2044, quddiem il-Prim'Awla Tal-Qorti Civili ghall-procediment ta' separazzjoni personali minn mal-esponenti fejn ppremetta illi;

a. Huwa kien izzewweg lill-esponenti fit-13 ta' Gunju 1964;

b. Miz-zwieg taghhom il-kontendenti ma ghandhom ebda tfal minuri;

c. Iz-zwieg tkisser irrmedjabilment snin ilu tant illi l-konvenut u l-esponenti ilhom zmien twil separati de facto;

d. Illi l-konvenut ilu snin jghix wahdu f’Malta u l-esponenti ilha zmien tghix wahedha l-Ingilterra;

U talab li l-Qorti tordna u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti a mensa et thoro minhabba ragunijiet validi u kontemplati fil-ligi, kif ukoll talab il-Qorti sabiex tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tassenja kull parti s-sehem tieghu/taghha mill-imsemmija kommunjoni ta’ l-akkwisti. Illi l-konvenut talab ukoll li tigi ddikjarata l-proprjeta’ parafernali ta’ kull parti u tassenja l-istess lil kull parti rispettivament u talab li jigi ddikjarat li l-esponenti m’ghandha ebda dritt a’ manteniment minn zewgha;

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nominati mhux skont il-ligi stante l-bandu tal-kuraturi ma gietx notifikat skont il-ligi a tenur tal-artikolu 931 tal-Kap 12 u gie eccepit –

a. Illi l-esponenti kuraturi deputati m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipproducu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju aktar tard meta jkunu edotti mill-fatti;

b. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Illi fis-sentenza tal-Qorti, deciza fil-31 ta’ Mejju 2005, il-Qorti ddecidiet li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti fil-ligi konsistenti ‘amensa et thoro’ minhabba ragunijiet validi u kontemplati fil-ligi konsistenti fl-inkompatibilita’ ta’ karattru ta’ l-istess zwieg u l-konvivenza bejn il-partijiet tkissret irremidjabilment;

Illi l-Qorti inoltre ddikjarat u tterminat il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’effett mid-data tas-sentenza w assenjat lill-konvenut F B l-kera tal-fond 5,

Triq il-Karmelitani, Fgura kif ukoll il-proprjeta' tal-fond 'Sydney House' Triq ic-Cern Xghajra Ghawdex mentri l-konvenuta giet assenjata l-fond 6, Garfield House, Greatfield Estate, East Hull l-Ingilterra;

Il-Qorti ddecidiet ukoll li ebda parti m'ghandha dritt li titlob jew tezigi hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra;

Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza w interponiet tali rikors ta' ritrattazzjoni ghas-sentenza in kwistjoni;

1. Illi l-attrici tghix permanententenment l-Ingilterra u dan kien jafu l-konvenut b'ittra li baghat il-konsulent legali tieghu Dokument EV1;

2. Illi l-attrici ghandha t-tifel taghha Ivan Damian B jghix Malta u ilu jghix Malta minn dejjem u ghalhekk il-bandu tal-kuraturi missu gie notifikat se mai lilu;

3. Illi qabel ma sar ic-citazzjoni 60/2004 mill-konvenut F B ghas-separazzjoni personali bejnu u martu l-esponenti, sar rikors fis-Sekond Awla Tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2003 fejn intalbu li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti A B wara li johorgu l-bandi soliti;

4. Illi dan ir-rikors gie ddekretat fil-31 ta' Lulju 2003 u gie notifikat bil-bandu tal-kuraturi Dr. Anthony Ellul ghal Dr. Frank Cassar LLD bhala suppost konsulent legali tal-konvenuta fit-28 ta' Awwissu 2003;

5. Illi l-esponenti la qatti kellha bhala l-avukat taghha lil Dr. Frank Cassar u /jew Dr Anthony Ellul u/jew avukat iehor f'Malta u lanqas huma qraba taghha;

6. Illi ghalhekk, il-hrug tal-bandu tal-kuraturi huwa null, abbuzi u ghalhekk ghandu jigi dikjarat bhala proceduralment bhala null, ineffettiv u illegali w abbuziv;

7. Illi sussegwentement u cjoe’ fl-10 ta’ Settembru 2003 gew nominati bhala kuraturi deputati l-Avukat Dr. Martin Fenech u PL Veronica Rossignaud sabiex jirraprezentaw lill-assenti A B sia fil-proceduri quddiem is-Sekond Awla kif ukoll fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

8. Illi la Dottor Martin Fenech u lanqas PL Veronica Rossignaud ma nnotifikaw u/jew informaw lill-konvenuta bil-proceduri pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili rigwardanti l-kawza ta’ separazzjoni pendenti quddiem il-Qrati Maltin meta l-konvenut kien jaf bl-indirizz taghha skont dokument EV1 fil-process;

9. Illi l-attur kien jaf ben tajjeb u precizament fejn tghix il-konvenuta kif ukoll in-numru tat-telefon ta’ l-Ingilterra tad-dar, tant li huwa wkoll ghamel zmien jghix fid-dar taghhom l-Ingilterra u kien hemm anki korrispondenza kemm mill-konvenut u l-istess esponenti kif jidher fid-dokument anness bhala EV1. Illi inoltre, l-istess esponenti kienet giet Malta ghaz-zwieg tat-tifel taghhom Ivan B li zzewweg fid-29 ta’ Mejju 2005, izda il-konvenut satar kollox mill-esponenti u ma nformaha xejn dwar il-kawza in kwistjoni;

10. Illi minkejja dan kollu, u minkejja li l-esponenti skont il-ligi missha giet notifikata bil-proceduri pendenti quddiem dawn il-Qrati, dan ma sarx u minkejja dan il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fejn ma gewx osservati il-principji ta’ gustizzja naturali ‘audi alteram partem’;

11. Illi fil-31 ta’ Mejju 2005, minghajr il-kunsens u/jew il-konnoxenza tal-esponenti, il-konvenut F B akkwista sentenza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-konfront ta’ l-esponenti, liema esponenti kienet assenti minn Malta, u dan kif jidher fl-anness sentenza dok. EV2;

12. Illi b’din is-sentenza zewgha l-konvenut odjern gies assenjat il-proprjeta’ ‘Sydney’ House’ Triq ic-Cern fix-Xghajra Haz-Zabbar li ghandha valur ferm aktar mill-fond 6 ‘Garfield Close’ Great Field Estate, East Hull, England, liema proprjeta’ l-konvenut F B naqas milli jghid fix-xhieda

tieghu li l-proprjeta' ta' l-Ingliterra, hija soggetta ghall-mortgage qawwi ta' madwar erbghin elf Sterling Pounds (STG 40,000);

13. Illi l-esponenti saret taf b'dan kollu u bil-proceduri tal-Qorti kontra taghha minn zewgha, recentement ossia f'nofs ix-xahar ta' Jannar 2006, meta l-istess konvenut qal lill-istess esponenti fuq it-telefon li huwa m'ghandux bzonn il-firma taghha ghall-bejgh tal-proprjeta' taghha, fix-Xghajra Haz-Zabbar, peress li akkwista separazzjoni b'sentenza tal-Qorti ta' Malta;

14. Illi l-esponenti meta saret taf b'dawn il-fatti giet Malta u qabbdet avukat sabiex flimkien jaraw l-atti tal-kawza kontra taghha;

15. Illi l-esponenti saret taf ukoll li hemm konvenju pendenti fejn il-konvenut wieghed lill-terzi li ser ibiegh il-proprjeta' 'Sydney House' Triq ic-Cern Xghajra Haz-Zabbar liema proprjeta' ser tinbiegh dalwaqt;

16. Illi l-esponenti ghalhekk intavolat konkorrentement ma' dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni, mandat ta' inibizzjoni bin-numru 50/06 sabiex thares id-drittijiet taghha;

17. Illi f'dan ir-rikors l-esponenti tilmenta u tissottometti li l-hatra tal-kuraturu cjoe Dr. Frank Cassar ma kinitx wahda korretta u kienet hatra irregolari u mhux skont kif tistipula l-ligi u dana peress li l-avukat Dr. Frank Cassar qatt ma kien l-avukat taghha u l-esponenti qatt ma kellha konsulent legali hawn Malta, u fir-rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati gie ndikat l-isem tal-Avukat Dr. Frank Cassar LLD u dan bi ksur lampanti tal-ligi in virtu ta' l-artikolu 930(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

18. Illi inoltre, fl-atti ma jirrizultax li gew notifikati kopji tal-bandi lil xi persuna jew persuni li tigi minnha, u dan nonostante l-fatt li f'Malta l-esponenti ghandha t-tifel taghha li jghix hawn Malta u cjoe' Ivan Damian B u dan bi ksur lampanti tal-artikolu 931 tal-Kap 12;

19. Illi a rigward l-hatra tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech u l-PL Veronica Rossignaud, tidher cara mill-eccezzjonijiet intavolati mill-kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-esponenti, assenti minn Malta, li huma ma kienux konxji tal-fatti u/jew li l-esponenti ghandha t-tifel hawn Malta u li l-konvenut jaf ben tajjeb l-indirizz u n-numru tat-telefon fl-Ingilterra tal-esponenti;

20. Illi l-esponenti tigbed ukoll l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-esponenti qatt ma rceviet korrispondenza mill-kuraturi deputati sabiex tigi a konjizzjoni ta' dawn il-proceduri u dan nonostante li l-artikolu 936 tal-Kap 12 tezigi dan mill-kuraturi stess;

21. Illi ghalhekk fid-dawl tal-fatti u cirkostanzi kollha, hemm lok ta' ritrattazzjoni u dana peress li s-sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bic-citazzjoni numru 60/2004 fl-ismijiet F B vs Dr. Martin Fenech u PL Veronica Rossignaud li gew nominati b'digriet tal-10 ta' Settembru 2003 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti A B, deciza fil-31 ta' Mejju 2005, hija nulla w invalida u dana peress li giet ottenuta bi frodi kif ukoll minghajr ma kienet legalment notifikata skont il-ligi u dan bi pregudizzju kbir ghaliha;

22. Illi inoltre, ix-xhieda moghtija mill-konvenut f'din il-kawza m'hijiex wahda veritjera;

Ghal dawn il-motivi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet F B vs Dr. Martin Fenech u PL Veronica Rossignaud li gew nominati b'digriet tal-10 ta' Settembru 2003 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti A B bic-citazzjoni numru 60/2004, u tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess a tenur ta' l-artikolu 811(a), 811(b) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. “Preliminarjament, in nullita’ tar-rikors guramentat promotur stante illi d-dikjarazzjonijiet fih kontenuti m’humiex enumerati kif rikjest tassttivament a tenur tal-artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Preliminarjament ukoll, jekk l-attrici A B tinsab assenti minn Malta hija ghandha tkun debitament rapprezentata minn persuna residenti f’Malta u ghalhekk il-hajja promessa hija nulla;

3. Preliminarjament ukoll, in-nullita’ tar-rikors guramentat prmotur stante illi m’hemmx talba specifika ghat-thassir tas-sentenza in kwistjoni u talba specifika biex din l-Onorabbli Qorti tisma’ u tiddeciedi l-kawza mill-gdid kif rikjest mill-ligi ‘ad validitatem’;

4. Preliminarjament ukoll, l-azzjoni attrici hija perenta a tenur tal-artikolu 818 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju stante illi ma gewx imharrka ukoll il-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech LL.D. u PL Veronica Rossignaud illi kienu parti fil-proceduri ossija l-kawza illi taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, u konsegwentenment in-nullita’ tal-kawza odjerna stante illi l-okkju tal-kawza huwa differenti minn dak tal-kawza li l-attrici qed titlob illi tigi ritrattata;

6. Preliminarjament ukoll, din il-kawza ghandha tigi dijarata dezerta stante illi l-attrici ossija r-rikorrenti qabel il-prezentata ta’ din il-kawza ma hallsitx l-ispejjez u drittijiet relattivi tal-kawza li qed tintenta titlob ir-ritrattazzjoni taghha;

7. Illi f’kull kaz l-attrici ossija r-rikorrenti ghandha l-oneru li tipprova illi ma kinitx taf bl-ghoti tas-sentenza in kwistjoni qabel ma ddekora t-terminu ghall-appell tal-istess sentenza;

8. Illi fil-mertu t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha stante illi hija kienet giet mgharrfa bil-proceduri u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

9. Illi f'kull kaz din l-Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta) illi semghet u ddecidiet il-kawza illi minnha qed tintalab ir-ritrattazzjoni odjerna kellha quddiemha l-fatti kollha inkluz il-kuntratti taz-zewg proprjetajiet kemm dik f'Malta kif ukoll dik fl-Ingilterra mil-liema kuntratt tal-proprjeta' fl-Ingilterra kien jirrizulta wkoll il-mortgage illi minhabba fih l-attrici qed tilmenta illi hija sofriet zvantagg u pregudizzju bis-sentenza kif deciza;

10. Illi f'kull kaz ukoll, jigi dikjarat illi l-valur tal-proprjeta' immobbli fil-Ingilterra, anke jekk minnu jigi dedott l-ammont rapprezentanti l-mortgage huwa ekwivalenti, jekk mhux ghola mill-valur tal-proprjeta' f'Malta illi bis-sentenza in kwistjoni giet assenjata lir-rispondent;

11. Illi, jigi rilevat ukoll illi l-mortgage ta' STG40,000 sar unilateralment mir-rikorrenti ad insaputa tar-rispondent;

12. Illi f'kull kaz, anke jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi t-thassir tas-sentenza fl-ismijiet "F B vs Dr. Martin Fenech LL.D. et" Citazzjoni Nru: 60/04RCP, deciza fit-31 ta' Mejju, 2005, u tipprosegwi bis-smigh mill-gdid ta' din il-kawza, il-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti kif maghmula minn din l-Onorabbli Qorti fl-imsemmija sentenza, hija wahda gusta u ghalhekk timmerita illi terga' tigi konfermata."

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza sabiex l-attrici, li tinsab assenti, tkun rapprezentata f'dawn il-proceduri minn Frederick u D konjugi E.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2007 il-konvenut irtira l-ewwel u t-tieni eccezzjoni.

Rat illi permezz ta' nota pprezentata fl-10 ta' April 2007 il-konvenut irtira it-tielet eccezzjoni.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut fis-sens illi l-procedura ta' ritrattazzjoni intavolata mill-attrici ghandha tigi dikjarata dezerta stante li l-attrici naqset milli thallas il-garanzija ghall-ispejjez ai termini tal-artikolu 815 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza in parte taghha tal-15 ta' Dicembru 2009 li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat l-atti kollha;

Rat l-atti tal-kawza citaz nru 60/04 RCP fl-ismijiet "F B vs Dr Martin Fenech et nomine" deciza fil-31 ta' Mejju 2005 inkluz kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament komposta moghtija fl-istess kawza fil-31 ta' Mejju 2005 liema atti gew allegati mal-atti tal-kawza odjerna b'digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Ottubru 2010;

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat,

**PROVI.**

Il-partijiet izzewgu hawn Malta fit-13 ta' Gunju 1964. Matul l-ewwel snin taz-zwieg taghhom huma kienu jirrisjedu fl-Ingilterra. Fit-13 ta' Ottubru 1965 twieldet binthom Rosanne. Fis-sena 1969 huma gew jghixu Malta sabiex il-konvenut ikompli jmexxi n-negozju ta' missieru li kien wasal biex jirtira. Marru jghixu fi flat gewwa l-Fgura mikri minghand missier il-konvenut. Fil-31 ta' Mejju 1975 twieled binhom Ivan. Sussegwentement xtraw dar Haz-Zabar: "Sydney House", Triq ic-Cern, Xghajra, Zabbar.

Fis-snin tmenin iz-zwieg beda jiddeterjorha. Ir-ragunijiet ghal dan id-deterjorament mhux rilevanti ghall-finijiet ta' din is-sentenza.

Fil-frattemp it-tifla maggorenni tal-partijiet kienet marret tghix l-Ingilterra u l-attrici iddecidiet li jkun ahjar li tmur tghix l-Ingilterra hdejn bintha pero' sew hi u sew bintha kienu jzommu kuntratt kontinwu mal-konvenut. Sitt xhur wara li kienet ilha l-Ingilterra l-attrici nizlet Malta sabiex izzur lill-konvenut u lil binhom Ivan. Hija ikkonvinciet lill-konvenut sabiex jaqghlaq in-negozju f'Malta u jitla' jghix maghha l-Ingilterra u fil-fatt hekk gara. Il-konvenut sab impieg ma' kumpanija gewwa Rickell fl-Ingilterra vicin fejn kienu joqghodu b'paga ta'£175.00 fil-gimgha. Fl-Ingilterra l-attrici u l-konvenut xtraw flimkien il-proprjeta' 29, North Gate Vale Market, Wighton, York, pero' ftit wara l-konvenut iddecieda li jirritorna Malta. Peress li l-partijiet kienu hadu b'self somma konsiderevoli biex xtraw dik il-proprjeta' huma ddecidew li jbieghuwha u l-konvenut qabel nizel lura Malta ta prokura favur bintu sabiex tirraprezentah fuq il-kuntratt tal-bejgh fl-assenza tieghu.

Sussegwentement l-attrici xtrat proprjeta' ohra bl-indirizz 6, Garfield Close, Hull, Humberside sabiex fiha tmur toqghod hi ma' bintha li sadanittant kienet harget qed tistenna tarbija. Hija xhedet li lill-konvenut kienet informatu b'dak li kienet qeghda taghmel u li kien behsiebha tiehu self ta' £27,500.

Fis-sena 1991 il-konvenut tela l-Ingilterra flimkien ma' iben il-partijiet Ivan. Il-konvenut dam jghix mal-attrici fid-dar bl-indirizz 6, Garfield Close, Hull, Humberside, ghal madwar sena meta fl-ewwel xhur tas-sena 1992 il-konvenut iddecieda li jirritorna lura Malta u jerga' jiftah negozju. Dak iz-zmien iz-zewg ulied il-partijiet baqghu jghixu mal-attrici gewwa l-Ingilterra. Il-partijiet zammew kuntatt ta' spiss permezz tat-telefon. F'xi zmien iben il-partijiet Ivan rega lura jghix Malta.

Fis-sena 2003 l-attrici nizlet ghal zjara f'Malta u skopriet li l-konvenut kien qed jghix fil-flat tal-Fgura flimkien ma' mara ohra. Kien hawn li l-partijiet bdew jiddiskutu li jersqu

ghall-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali izda ma lahqux ftehim u l-attrici irritornat l-Ingilterra minghajr ma gie ffirmat kuntratt ta' separazzjoni. Aktar tard dik is-sena iben il-partijiet Ivan ha l-engagement mal-gharusa tieghu u f'dik l-okkazzjoni l-attrici nizlet Malta u l-partijiet iltaqghu f'dik l-okkazzjoni. Il-konvenut ma qalliex li kien behsiebu jiftah kawza. Fid-29 ta' Mejju 2005 Ivan izzewweg u l-attrici regghat nizlet Malta ghat-tieg ta' binha. Hija ltaqghet mal-konvenut ghal dik l-okkazzjoni u l-konvenut ma semmielha xejn li kien fetah kawza ta' separazzjoni.

L-attrici xhedet li hija saret taf ghall-ewwel darba bil-kawza li kien fetah kontra taghha l-konvenut f'nofs Jannar tas-sena 2006 meta waqt konversazzjoni telefonika mal-konvenut huwa qalilha li jekk tigi ghal zjara f'Malta la kellha tmur fil-flat tal-Fgura u lanqas fid-dar taghhom tax-Xghajra, Zabbar, peress li ma kellux bzonn il-firma taghha biex ibiegh il-proprjeta' ta' Haz-Zabbar.

L-attrici iddikjarat li hija qatt ma inkarigat bhala l-Avukati taghha lil Dr Frank Cassar jew lil Dr Martin Fenech u li qatt ma irceviet korrispondenza minghandhom.

Meta bdiet tindaga irrizultalha li l-l-konvenut irnexxielu jiehu sentenza ta' separazzjoni jumejn biss wara t-tieg ta' binhom Ivan u dan minghajr ma l-attrici kienet taf li hemm kawza pendenti kontra taghha.

L-attrici iddikjarat li hija bl-ebda mod ma kienet taf bil-kawza citaz numru 60/2004 fl-ismijiet "F B vs Dr Martin Fenech nomine" u saret taf biss biha wara li giet deciza. Sabiex turi li l-konvenut fiz-zmien li ipprezenta l-kawza imsemmija kien jaf fejn l-attrici qed tirrisjedi, hija pprezentat set ta' ritratti fejn il-konvenut jidher flimkien mal-attrici u membri tal-familja taghha gewwa r-residenza 6, Garfield Close Hull, Humberside, fejn l-attrici ilha toqghod sa mis-sena 1990.[1] L-attrici ezebiet ittra biex tipprova li n-numru tat-telefone taghha fl-imsemmija residenza ilu l-istess sa mis-sena 1998.[2]

---

[1] Ritratti a fol. 105
[2] Dokument a fol. 104

Bejn is-sena 2003 u s-sena 2005 il-partijiet baqghu jiddiskutu l-possibilita' li jisseparaw bonarjament.

"However we kept on speaking about an amicable settlement, but nothing came to fruition, till he announced to me in mid January 2006 not to come to the property in Xghajra, Zabbar, as he had sold it to other third parties without needing me, which meant that he did not need my signature.

It is precisely at this moment and at this very time that I knew something must have happened and something deceitful was going on behind my back. I remember that I had spoken to F on the telphone and informed him that I was coming to Malta to see our son Ivan, and he refused to allow me to go and stay in the house in Xghajra as according to him he had sold the house.

This came as a total shock and amazement to me and it is this very reason why I came to Malta and lodged the Court case in question whereby I had to collect all the money available that I had to come to Malta and to pursue and safeguard my rights in the marriage and in the community of acquests.

The judgment of the 31st May 2005 was acquired without my knowledge and/or consent and it is totally and absolutely false that my husband never knew my address or telephone number in England.

The judgement was acquired fraudulently on information that F knowingly knew was incorrect whereby he informed the Court that he will take the house in Malta and I (without ever knowing anything) will take the house in England.

What the Court was not made aware of is that the house in Malta has no debts, liabilities and/or hypothecs whilst the house in England at Hull Humberside where I have been living for the past 20 years and where F has also

lived with me on a a number of occasions in this residence has a mortgage of £ 42,000.

I never received any Court documents and I categorically never engaged Dr Frank Cassar or Dr Martin Fenech as lawyers. I do not even know them by name or by face. I never received any correspondence from the Court of England".

In kontro-ezami l-attrici cahdet li kienet irceviet ittra minghand l-Avukat tal-konvenut bid-data tas-16 ta' Lulju 2002 anness maghha abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.[3] Dan irrizulta li ma kienx korrett stante li fit-3 ta' Ottubru 2002 is-solicitor tal-attrici gewwa l-Ingilterra baghtet email lill-Avukat tal-konvenut f'Malta fejn jissemmew sew l-ittra kif ukoll l-abbozz tal-kuntratt imsemmi.

In kontro-ezami hija cahdet li in segwitu ghal dik l-email saret taf li kien hemm kawza pendenti kontra taghha permezz tal-Avukat li kienet inkarigat hawn Malta. Hija spjegat li kienet inkarigat Avukat liema inkarigu kellha tittermina fi zmien ftit granet peress li giet informata li dik id-ditta ta' Avukati kienu qed jirraprezentaw ukoll lit-terzi li kienu qed jixtru l-proprjeta' ta' Haz-Zabbar. Kien ghalhekk li kellha tinkariga lid-ditta legali li qed tirraprezentaha fil-kawza odjerna. Kien mir-ricerki li ghamel l-Avukat taghha f'Jannar 2006 li saret taf bil-kawza mertu ta' dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni.

Hija cahdet ukoll in kontro-ezami li fir-rigward tas-separazzjoni inkarigat f'xi zmien lill-Avukat Dr Michael Grech

Xhedu kemm Dr Frank Cassar kif ukoll Dr Martin Fenech. It-tnejn gew murija ritratt ta' l-attrici u t-tnejn ma setghux jghidu li jafuha. Dr. Fenech, li kien kuratur fil-kawza in dizamina ma setghax jiftakar jekk kienx provdut bl-indirizz tal-assenti f'dik il-kawza Jekk allura kitibx lill-attrici.

---

[3] Fol. 145

L-attur xhed b'affidavit[4]:

"Jiena u marti A Brookshaw konna zzewwigna fit-13 ta' Gunju, 1964 u immedjatament wara li zzewwigna tlajna nghixu l-Ingilterra, bqajna hemm madwar hames snin u rritornajna Malta fl-1969. Bqajna nghixu Malta sal-1985 meta l-attrici telqet minn Malta (suppost ghal vaganza) u jien biex nipprova nsalva z-zwieg ergajt tlajt hdejha l-Ingilterra fejn hemmhekk ghext ghal madwar hames snin ohra qabel ma ergajt irritornajt Malta ghal kollox waqt li hi baqghet hemm.

Wara snin twal hafna li ahna konna ilna separati bhala stat ta' fatt jiena ddecidejt li ridt niffinalizza s-separazzjoni b'mod legali.

It-tfal kienu lahqu kibru u hadu l-istat taghhom, jien kont spiccajt mix-xogholu kont pensjonant u l-attrici kienet tghix l-Ingilterra u ghalhekk ma kien hemm ebda diffikulta' biex is-separazzjoni tinghalaq.

Il-fatt huwa li jien kont xtrajt proprjeta' l-Ingilterra li haditha l-attrici u kont xtrajt ukoll proprjeta' hawn Malta fix-Xghajra ta' Haz-Zabbar.

Ghaldaqstant kont kellimt l-avukat tieghi u hu kien baghatilha ittra li maghha anke hemm l-abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni li jien kont qed nipproponi fuq il-linji li semmejt iktar 'il fuq.

Wara dan kont stennejt bosta xhur – anzi nahseb 'il fuq minn sena u mbaghad kien biss x'hin rajt li l-affarijiet se jitwalu inutilment li jiena mexxejt bil-kawza tas-separazzjoni fejn fiha ma tlabt xejn ghajr dak li l-attrici diga' kienet taf li ridt li jsehh ghaliex proprju tlabt dak li kien propost fl-abbozz tal-kuntratt tas-separazzjoni u fil-fatt hekk kien gie deciz.

Nghid ukoll illi qabel ma' l-attrici kellmet id-ditta tal-avukati li ghandha fil-prezent, hija diga kellha avukati

[4] Affidavit a fol. 155

jippatrocinawha hawn Malta u cioe' l-Avukat Aron Mifsud Bonnici.

Jien kont avzajtha wkoll sam inn qabel ma pprezentajt il-kawza x'kienu l-hsibijiet tieghi in rigward tas-separazzjoni u finalment nghid illi wara kollox il-kawza giet deciza b'mod gust ghaliex hadna proprjeta' kull wiehed".

L-Avukat Dottor Aaron Mifsud Bonnici xhed[5], wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali, illi huwa kien gie konsultat mill-attrici u r-records tieghu jirrizulta li fis-26 ta' Jannar 2006 huwa kien baghat email lin-Nutar Dr Bugeja Fenech li taqra hekk:

"I act of behalf of Mrs. A B, of 6 Garfield Close, Greatfield Estate, United Kingdom.

My client is the wife of F B who, I understand, is presently attempting to sell the property known as Sydney House, Triq ic-Cern, Xghajra.

I have been instructed by my client to advise you that she still retains an interest in the said property and that she is not consenting to its alienation. You may wish to note that it is the intention of my client to challenge the judgement declaring the personal separation between spouses B, awarded by the Family Court on the 31 May 2005, as such judgment was fraudently obtained in her absence and in total disregard of her right to a fair hearing. Indeed, she was never made aware that a personal separation suit had even been filed.

You may therefore wish to bring these facts to the attention of prospective purchasers and to abstain from publishing the relative deed of sale. Naturally, should the sale go through, my client would have no other option to institute judicial proceedings against the buyers and her husband for the rescision of the sale and damages." [6]

---

[5] Fol. 165
[6] Fol. 170

Huwa spjega li wara din l-ittra l-attrici ma regghatx ikkonsultatu pero’ kien sar jaf li kien sussegwentement ikkonsultat lill-Avukat Dottor Edward Debono. Huwa ddikjara li bhala fatt huwa kien dam jippartrocinja lill-attrici ghal ftit granet biss.

L-attur, in kontro-ezami xhed[7] illi huwa kien ghex l-Ingilterra ma’ l-attrici sew fil-fond 29, Northgate Vale Market,Weighton kif ukoll fil-fond 6, Garfield Close, Great Field Estate, Hull. Fiz-zewg postijiet b’kollox ghex ghal cirka hames snin imbaghad gie lura Malta ghax kien iddejjaq jghix l-Ingilterra. Meta zzewweg binhom Ivan l-attrici kienet tghix l-Ingilterra u l-konvenut Malta. L-attrici nizlet Malta ghat-tieg tat-tifel. Jghid hekk:

“Meta zzewwigli t-tifel il-mara tieghi kienet tghix l-Ingilterra. Il-mara tieghi kienet ilha tghix l-Ingilterra ‘l fuq minn ghoxrin sena u konna ilna ma naraw lil xulxin hlief fl-gherusija tat-tifel. Imbaghad giet ghat-tieg tat-tifel. Jiena ma kont semmejtilha xejn lanqas li kont intenzjonat li nissepara. Jiena kont avzajtha bl-abbozz,bil-ftehim li kont qed nipprova niftiehem permezz tal-Prokuratur Legali”.[8]
“Jiena mal-mara tieghi ma tkellimtx fuq il-kwistjonijiet li ghandi maghha u lanqas semmejt maghha l-abboz ta’ ftehim. Is-sentenza ta’ separazzjoni bejni u l-mara kienet diga nqatghet dakinhar tat-tieg tat-tifel tieghi. Jiena l-abbozz ta’ ftehim kont bghattu lill-mara l-Ingilterra........Irrid nghid illi meta jiena ftaht il-kawza ta’ separazzjoni kontra l-mara, l-mara ma kenitx Malta. Kienet ilha ghoxrin sena toqghod barra u ghalhekk peress illi l-mara ma kienitx hawn Malta jiena hallejt kollox f’idejn l-Avukati tieghi biex jifthu l-kawza ta’ separazzjoni kontra l-mara.

Jiena meta ftaht il-kawza ta’ separazzjoni kontra l-mara tieghi lill-Avukati tieghi tajthom l-indirizz li kellha l-Ingilterra”.

Skond il-konvenut l-attrici kienet taf bil-kawza tas-separazzjoni “minn meta bghattilha l-abbozz”.

---

[7] Fol. 173
[8] Fol. 175

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT.**

Kif spjegat fil-Preambolu l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut gew minnu irtirati fil-mori tal-kawza filwaqt li l-eccezzjoni ulterjuri tieghu giet deciza b'sentenza in parte tal-15 ta' Dicembru 2009. Fil-fatt l-eccezzjoni ulterjuri gia' deciza hija prattikament identika ghas-sitt eccezzjoni fir-risposta guramentata.

Fir-raba' eccezzjoni l-konvenut jeccepixxi li l-azzjoni attrici hija perenta a tenur tal-artikolu 818 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

***818.*** *(1) Iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jgħodd -*
*(a) fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 811(a) u (k), mill-ġurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument;*
*(b) fil-każ imsemmi fil-paragrafu (b), mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza;*
*(ċ) fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (j), jekk il-falsità tkun, fuq talba jew kwerela tal-istess attur, ġiet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-ġurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun ġiet iddikjarata wara dik is-sentenza, iżda fuq talba jew kwerela ta' ħaddieħor, jew jekk tkun ġiet iddikjarata qabel, millġurnata li l-attur ikun ġie jaf b'dik id-dikjarazzjoni;*
*(d) f'kull każ ieħor, minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata.*

*(2) Ma tista' tintalab f'ebda każ ritrattazzjoni wara li jgħaddu ħames snin minn meta tkun ingħatat l-ewwel sentenza.*

Ghalkemm il-konvenut sostna li l-attrici kienet taf bil-kawza qabel ma giet deciza ma gab l-ebda prova biex issostni l-allegazzjoni tieghu. Mill-banda l-ohra l-attrici xhedet illi appena l-konvenut qalilha li seta jbiegh il-

proprjeta' minghajr il-firma taghha hija inkarigat lill-Avukat Dottor Aaron Mifsud Bonnici. Jirrizulta li kien hawn li hija skopriet li l-konvenut kien intavola kawza kontra taghha u kien ottjena sentenza ta' separazzjoni minghajr ma hi giet mgharfa b'dawk il-proceduri. Tant hu hekk li l-Avukat Mifsud Bonnici b'email tas-26 ta' Jannar 2006 baghat email lin-Nutar Dottor Bugeja Fenech li kienet qed tipprepara l-kuntratt bejn l-konvenut u terzi u informaha fost l-ohrajn li l-klijenta tieghu kienet ser tikkontesta s-sentenza ottenuta bhala "fraudulently obtained in her absence and in total disregard of her right to a fair hearing. Indeed, she was never made aware that a personal separation suit had even been filed".

Fit-13 ta' Marzu 2006 giet intavolata l-kawza odjerna u ghalhekk gie ppruvat li l-kawza giet intavolata entro t-terminu ta' tlett xhur minn meta l-attrici saret taf bis-sentenza.

Ir-raba' eccezzjoni ghalhekk jisthoqq li tigi respinta.

Fil-hames eccezzjoni l-konvenut eccepixxa illi l-gudizzju mhux integru stante li l-kuraturi deputati ma gewx imharrka fil-kawza odjerna. Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni ma fiha l-ebda fondamement legali in kwantu l-kuraturi deputati kienu qed jidhru fil-kawza mertu tar-ritrazzjoni fil-vesti taghhom ta' kuraturi u certament li ma kien hemm l-ebda htiega procedurali sabiex jidhru wkoll fil-kawza odjerna. Il-konvenut ma ta ebda motivazzjoni ghal din l-eccezzjoni hlief li bin-nuqqas tal-kuraturi l-okkju ta' din il-kawza huwa differenti mill-okkju tal-kawza l-ohra. Tali motivazzjoni ma ssibx konfort fir-regoli tal-procedura.

Ikkunsidrat;

**ARTIKOLU 811**

In sostenn tal-kawza minnha promossa l-attrici qed tinvoka l-artikolu 811 (a) (b) u (l) li jipprovdi illi:

***811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni*

*kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*Raġunijiet għar-ritrattazzjoni.*

*(a) jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra;*

*(b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;*

*- omissis -*

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza*.

Gie kostantament ritenut mill-Qrati nostrani illi "r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mil-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament" ("Av. Dr Pio Valletta noe vs J Tanti" Qorti tal-Appell - 20 ta' Mejju 1994; "Mildred Frendo vs Loris Bianchi pro et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Jannar 2010).

"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "res judicata pro veritate habetur " ( Anthony Aquilina vs Av. Anthony Farrugia noe" - Qorti tal-Appell – 16 ta'Frar 2004)

"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-

organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi – prim' istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci -ttielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni" ("Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et" – Qorti tal-Appell – 26 ta' April 1993)

Il-pretensjoni principali tal-attrici hi fis-sens li ma gietx notifikata bl-atti tal-kawza citaz nru 60/04RCP meta l-konvenut, attur f'dik il-kawza kien jaf bl-indirizz taghha gewwa l-Ingilterra.

Mill-provi jirrizulta li m'hemmx kuntrast bejn il-partijiet li effettivament meta l-konvenut odjern intavola dik il-kawza fis-sena 2004 huwa kien jaf ben tajjeb l-indirizz residenzjali tal-attrici, allura konvenuta f'dik il-kawza. Dan jghidu l-konvenut stess fix-xhieda tieghu moghtija b'affidavit mahluf fl-1 ta' Marzu 2004:

"Matul iz-zwieg konna xtrajna wkoll post l-Ingilterra u precizament il-fond 6, Garfield Closse, Greatfield Estate, Hull, l-Ingilterra. F'dan il-post qed tghix marti A B"[9]

Dan jaqbel perfettament ma' dak li xhed il-konvenut fil-kawza odjerna meta stqarr li huwa kien jaf fejn kienet qeghda tirrisjedi l-attrici meta hu fetah il-kawza kontra taghha fis-sena 2004 u li l-indirizz taghha kien ghaddih lill-Avukat tieghu ta' dak iz-zmien. Jaccetta wkoll il-fatt li meta intavola l-proceduri gudizzjarji kontra martu, iben il-partijiet Ivan kien jirrisjedi Malta tant li sew meta Ivan ha l-engagement kif ukoll meta izzewweg l-attrici nizlet Malta ghaz-zewg okkazzjonijiet.

Il-konvenut ma kienx f'posizzjoni jispjega ghaliex il-bandu fl-atti tar-rikors ghan-nomina ta' kuraturi gie notifikat lill-

[9] Fol. 8 tal-kawza citaz nru 60/04RCP

Avukat Dr Frank Cassar u mhux lil iben l-attrici Ivan li kien jirrisjedi Malta.

**L-artkolu 929 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jistipula l-procedura ghall-hatra ta' kuraturi f'diversi cirkostanzi fosthom biex jirraprezentaw partijiet f'kawza assenti minn dawn il-Gzejjer.

***"Artikolu 929.*** *Barra mill-każijiet li fihom dan il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi, il-qorti tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri –*

*(a) fl-interess ta' nies assenti, jew taħt l-età li ma jkunux rappreżentati skont il-liġi, jew ta' persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew ta' interdetti, jew ta' persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa għal fedekommess jew għal wirt battal li ħadd ma jidher għalih skont il-liġi, jew ta' persuni li 'l quddiem jistgħu jiġu msejħa għal dan il-fedekommess jew wirt;"*

***"Artikolu 930.*** *(1) Il-kuraturi jiġu maħtura mill-qorti kompetenti fuq*
*talba b'rikors ippreżentat flimkien mal-att li bih tinġieb 'il quddiem il-kawża; f'dak il-każ, il-post tal-ismijiet tal-kuraturi jitħalla vojt fl-att li bih tinġieb 'il quddiem il-kawża, u jkun dmir tar-reġistratur,*
*wara li ssir il-ħatra tal-kuraturi, li jdaħħal isimhom fl-att, qabel ma*
*jmexxih.*

*(2) Il-ħatra tal-kuraturi tista' ssir ukoll, fuq rikors, matul iż-żmien li l-kawża tkun pendenti, inkella, b'talba bil-fomm fis-smigħ tal-kawża, meta din il-ħatra ssir meħtieġa wara li tkun bdiet il-kawża.*

*(3) Il-preżentata ta' dan ir-rikors twaqqaf il-mixi ta' kull żmien li għandu x'jaqsam mal-atti tal-proċedura.*

***Artikolu 931.*** *(1) Il-qorti, wara d-digriet tal-ħatra tal-kuraturi, toħroġ*
*bandi, illi għandhom jiġu mwaħħla fid-daħla tal-edifizzju fejn ilqorti*
*toqgħod.*

*(2) Kopja ta' dawn il-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha għandha tiġi nnotifikata lil wieħed mill-eqreb*
*qraba tal-persuna li għandu jkollha kuratur li jidher għaliha jew li għall-wirt tagħha tintalab il-ħatra ta' kuraturi, u jekk ebda qarib ma jkun magħruf, din il-kopja għandha tiġi notifikata lil xi ħadd ieħor magħruf bħala li hu jew li kien ħabib tal-persuna li għandha interess.*

*(3) Meta l-persuna li tkun qed titlob il-ħatra ta' kuraturi kif imsemmi fis-subartikolu (2), ma tkun taf b'ebda qarib jew ħabib, il-qorti tista' tordna li minflok in-notifika msemmija fis-subartikolu (2) kopja tal-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u f'għal-lanqas żewġ gazzetti ta' kuljum bi spejjeż għall-applikant.*

***Artikolu 932.*** *(1) Il-bandu għandu jkun fih miġjuba t-talba għall-ħatra ta' kuraturi u d-digriet tal-qorti, flimkien ma' sejħa għal kull min ikun irid jaċċetta l-ħatra ta' kuratur, biex jidher fir-reġistru fi żmien sitt ijiem u jiddikjara, b'nota, li jaċċetta dik il-ħatra.*

*(2) Fil-bandu għandu jingħad ukoll illi, fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni, il-qorti tgħaddi għall-ħatra ta' kuraturi ex officio.*

***Artikolu 933.*** *Meta tidher persuna illi, b'nota iffirmata minnha, toffri ruħha li taċċetta l-ħatra ta' kuratur, il-qorti tista', meta jidhrilha li jkun ta' ġid għall-interess li għalih il-kuratur għandu jidher, twettaq bħala kuratur lill-persuna illi tkun hekk dehret.*

***Artikolu 934.*** *Jekk ħadd ma jidher fiż-żmien ta' sitt ijiem fuq imsemmi, inkella, jekk il-qorti ma twettaqx bħala kuratur lill-persuna li tkun dehret, il-qorti taħtar bħala*

*kuraturi avukat u prokuratur legali minn dawk imniżżlin fl-elenku msemmi fl-artikolu 91.*

***Artikolu 935.*** *Il-persuna li tidher wara l-bandu, jekk tiġi mwettqa bħala kuratur, ma jkollhiex jedd għall-ħlas tal-ispejjeż ħlief fil-każ li l-kawża tintrebaħ bl-ispejjeż.*

***Artikolu 936.*** *(1) Il-kuraturi għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża tal-interessi li għalihom ikunu jidhru. Id-dmirijiet ta-lkuraturi għandhom jinkludu dan li ġej:*
*(a) li jinvestigaw sewwa dwar il-jeddijiet tal-persuni li jirrappreżentaw u li jidentifikaw dawn il-jeddijiet;*
*(b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jittutelaw il-jeddijiet imsemmija qabel;*
*(ċ) li jikkuntattjaw minnufih lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw, jekk l-indirizz ikun magħruf, u jekk mhux magħruf għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu jagħmlu biex isiru jafu l-indirizzi tagħhom, magħduda l-pubblikazzjoni bl-awtorità tal-qorti ta' avviż f'gazzetta tal-lokal fejn l-aħħar kien magħruf jew kienu magħrufin;*
*(d) li jgħarrfu lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw b'kull att ġudizzjarju u x'ikun fih;*
*(e) li jiksbu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiddefendu kull interess tal-persuna jew persuni li jkunu jirrappreżentaw;*
*(f) li jkomplu jittutelaw l-interessi tal-persuna jew persuni li jirrappreżentaw dwar kull ħaġa pendenti minkejja li ż-żmien tal-ħatra taħt l-artikoli 89 jew 90 jista' jkun skada; u*
*(g) li jżommu lill-qorti regolarment mgħarrfa b'kull azzjoni meħuda fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.*

*(2) Il-kuraturi għandhom iwieġbu għal kull danni u imgħaxijiet li jista' jkun hemm minħabba t-traskuraġni tagħhom.*

Minn ezami tal-provi imressqa il-Qorti hi tal-fehma li n-notifika tal-bandu lil persuna estranea ghall-attrici kien intenzjonat sabiex il-kawza tinzamm mistura mill-attrici. Dan fil-fehma tal-Qorti huwa abbuz mis-sistema gudizzjarju.

Mhux l-istess jinghad pero' fir-rigward tal-allegat nuqqas tal-konvenut li jghaddi l-indirizz tal-attrici lill-kuraturi deputati. Kif aktar qabel osservat, il-konvenut kien f'dik il-kawza ezebixxa affidavit tieghu stess fejn iddikjara bl-aktar mod car fejn kienet toqghod l-attrici gewwa l-Ingilterra. F'dan ir-rigward in-nuqqas certament ma kienx direttament tal-konvenut. Kien id-dover tal-kuraturi li bhala l-kustodji tad-drittijiet ta' terzi assenti, jezaminaw l-atti kollha tal-kawza lilhom assenjata u jagixxu fl-interess tal-patrocinat taghhom. Pero' una volta il-kuraturi deputati kienu gew nominati b'rizultat ta' agir abbuziv da parti tal-konvenut fil-procedura tan-notifika tal-bandu, ma jkunx gust u ekwu li in-nuqqasijiet tal-kuraturi deputati nominati b'rizultat tal-agir abbuziv tal-konvenut, ghandha tbatihom l-attrici odjerna.

Il-procedura tan-nomina ta' kuraturi mhiex intiza sabiex attur f'kawza jiehu "walk over" a skapitu tal-konvenut. Kien ghalhekk li l-Legislatur esiga li min jaghmel talba ghan-nomina ta' kuraturi ghall-assenti ghandu l-oneru li jinnotifika l-bandu lill-eqreb qarib tal-assenti. Il-konvenut kien jaf fejn joqghod iben l-attrici hawn Malta u ghalhekk kien fid-dmir li jinnotifikah bil-bandu. Li minflok jinnotifika lil Avukat li m'ghandu x'jaqsam xejn la f'parentela u lanqas professjonalment mal-attrici jirrazenta d-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. F'certu pajjizi dan it-tip ta' abbuz mill-procedura tan-notifika huwa msejjah "sewer service".

L-artikolu 811 (b) li jipprovdi d-dritt ta' ritrattazzjoni jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa ghandu l-gheruq tieghu fin-norma tal-gustizzja naturali "audi alteram partem".

Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi kien dover tal-konvenut li fil-kawza li intavola fis-sena 2004 jimxi rigorozament mal-ligi tal-procedura una volta kien qed jistitwixxi kawza kontra persuna li ma kenitx tirrisjedi hawn Malta.

Il-fatt li l-istess konvenut jammetti li lill-attrici ma qalilha xejn li kien intavola kawza kontra taghha meta anke iltaqghu hawn Malta ghat-tieg tat-tifel tal-partijiet,

jikkonvinci lil din il-Qorti illi l-konvenut intenzjonalment zamm il-kawza mistura mill-attrici bl-iskop li jipprocedi minghajr opposizzjoni ta' xejn, kif fil-fatt gara.

Dwar il-premessa li l-kawza de quo ghandha tigi ritrattata minhabba dak provdut fl-artikolu 811 (a) li jipprovdi dan id-dritt *jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra,* issir referenza ghal dak dikjarat supra fir-rigward tal-agir abbuziv da parti tal-konvenut. Fil-kawza "**Fortunato Pisani vs Antonio Pisani** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 1942 gie ritenut illi :

"Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jista` jaghti lok ghar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, izda meta minhabba r-raggiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti l-avversarju gie mqieghed fl-impossibilita` ta' difiza gusta u tajba." "Jekk il-parti naqset li ggib xi prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, imma ghan-negligenza taghha, ma tistax, wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet f'gudikat, tmur ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni."

Hija l-fehma tal-Qorti li ghar-ragunijiet fuq esposti il-konvenut irnexxielu jiehu sentenza bil-qerq minnu adoperat bi hsara tal-parti l-ohra.

It-tielet raguni li l-attrici tressaq ghat-talba taghha ghal ritrattazzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 811 (l) li jipporvdi id-dritt ghal ritrattazzjoni: *jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża..*

Fil-fehma tal-Qorti ma ngabu l-ebda provi li s-sentenza kienet effett ta' zball fit-termini tas-sub inciz appena citat.

**KONKLUZZJONI.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet "F B vs Dr. Martin Fenech et noe" (citaz nru 60/2004) u tordna r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------